# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 2 t’Ottubru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Etienne Louis Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Etienne Louis Grech ta’ 34 sena, bin Felix u Antoinette nee’ Farrugia, imwieled H’Attard fil-21 ta’ Novembru, 1974, u li joqghod f’Area 17, Flat 16, Block E., Triq Andre Maurios, San Giljan. Detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 10775M

Akkuzat talli:

F’April 2009 u fix-xhur ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, u cioe’ s-somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu

**(€2,329.37)**, li giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu **(€2,329.37)** bi hsara ta' Dr. Victor E. Ragonesi.

3. B'hekk, Etienne Louis Grech akkuzat ukoll li wettaq reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' April 2007.

4. Kif ukoll, Etienne Louis Grech sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'sentenza mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Jannar 2010, fejn deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 28A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara, fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018,[1] li ma kellhux oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

## Il-Fatti

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. B'ittra tad-19 ta' Gunju 2009,[2] Dottor Victor Ragonesi kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jistitwixxi proceduri kriminali kontra l-imputat, stante li allega li l-imputat kellu jirrifondilu:
   *"1) Euro 5000.00 which I had paid him by cheque of the 27th April 2009, for Euro 5000 who was supposed to help his father to go to the U.K. for an urgent operation, but his father was not ill and he never had to go to the U.K. This was confirmed to me by his father.*
   *2) Euro 8,500.00 which, at his request, I lent to Evgenia Smolyanova by cheque of the 20th April 2009, who was supposed to go to Russia, and which he said he would make it available to me immediately;*
   *3) Eur850,000.00, which Mr. William Harry Forrester a U.K. citizen, told him repeatedly to give to me for liabilities of the Hotel Imperial, where I am Managing Director."*

2. Ma saru l-ebda skritturi privati meta inghata dan is-self, u mill-provi ma rrizultax car kif *u come* kellu jithallas l-ammont moghti f'self f'dawn iz-zewg okkazzjonjiet. Pero, skond notament tal-kwerelant tat-2 ta' Gunju 2009, Evgenia Smolyanova, li kienet il-

[1] Ara fol. 177 tal-process.
[2] Ara Dok KA 4 a fol. 92 tal-process.

partner tal-imputat u llum hija l-mara tieghu,[3] marret l-ufficju tieghu u qaltlu li l-imputat kien se jhallsu is-somma ta' €8,500 ghan-nom taghha, imbaghad hi kienet se tirrifondi lilu.[4]

3. L-imputat informa wkoll lil Dottor Ragonesi li kien hemm Ingliz li xtaq jixtri l-lukanda Imperial Hotel, li tappartjeni lil socjeta li taghha Dottor Ragonesi kien Direttur. L-imputat qallu wkoll li dan l-Ingliz kellu bank draft ta' €850,000 lest biex jghaddielu biex ikun jista' jsir il-bejgh, pero Dottor Ragonesi baqa' qatt ma ltaqa' ma dan l-Ingliz.

4. Inoltre l-imputat ma rrifondiex lura l-flus li Dottor Ragonesi kien silef lilu u lill-partner tieghu.

5. Jidher li Dottor Ragonesi beda jesigi l-pagament minghand l-imputat, u meta dan ma hallasx ghamel din il-kwerela.

6. Wara li ghamel din il-kwerela, Dottor Ragonesi baghat ittra lill-imputat fit-3 ta' Lulju 2009, fejn infurmah li hu ma ried jiltaqa' ma hadd, sakemm ma jhallsux iz-zewg ammonti li kien silfu.[5]

7. L-Ufficjal Prosekutur istitwixxa dawn il-proceduri fil-21 t'Ottubru 2009, u l-ewwel dehera kienet fit-18 ta' November 2009.

8. Jumejn qabel l-ewwel seduta fil-Qorti, Mariella Cassar, t-tifla ta' Dottor Ragonesi, u li ghandha l-prokura generali tieghu fimkien ma' hutha, ikkuntatjat lil Felix Grech, missier l-imputat, u hu qalilha li ma kien jaf b'xejn. Felix Grech ried jghin lit-tifel tieghu, u dak in-nhar stess li kellha tinstema' l-kawza huwa iddepozita €2,000 fil-kont bankarju ta' Dottor Ragonesi.[6] Huwa ftiehem ma' Mariella Cassar li jibghatilha tnax (12)-il *post dated* cheque ta' €250 il-wiehed, biex Dottor Ragonessi isarraf cheque fix-xahar. Fil-fatt Felix Grech baghat dawn ic-cekkijiet fid-19 ta' Novembru 2009.[7]

---

[3] Ara r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard.
[4] Ara Dok VR 2 a fol. 32 tal-process.
[5] Ara fol. 17 tal-process.
[6] Ara Dok KA a fol. 49 tal-process.
[7] Ara Dok MC1 a fol 42 tal-process.

9. Fil-fatt is-self ta' €5,000 li Dottor Ragonesi ta lil imputat gie saldat minn missieru bil-mod fuq spjegat fil-mori ta' dawn il-proceduri, u mhallas ghas-saldu, kif jirrizulta bl-ittra tal-5 ta' Ottubru 2010 mibghuta minn Dottor Rudolf Ragonesi, it-tifel tal-kwerelant Dottor Victor Ragonesi.

10. Rigward is-self li Dottor Ragonesi ta' lil Evgenia Smolyanova, bi skrittura privata tas-17 ta' Novembru 2009 – gurnata qabel l-ewwel seduta tal-proceduri odjerni - Evgenia Smolyanova deheret fuq skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, fejn irrikonoxxiet li kellha tirrifondi lil Dottor Victor Ragonesi is-somma ta' €8,500 mislufa lilha, u intrabtet li thallas is-somma ta' €1000 sat-30 ta' Novembru 2009, u l-bilanc b'pagamenti mensili ta' €500. Il-Principal taghha, is-socjeta Quantum PC Limited, tramite r-rapprezentant taghha Richard Buiteman, intrabtet li tnaqqas €500 kull xahar mis-salarju ta' Evgenia Smolyanova, u jtihom direttament lil Dottor Ragonesi, sakemm id-dejn kollu jigi saldat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*<u>Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat</u>*

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens, il-Qorti thossha fid-dover li tissolleva *ex officio* l-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat, stante li din ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti l-assistenza legali qabel l-interrogatorju.

In vista tal-fatt li meta ittiehdet din l-istqarrija l-imputat ma kellux access ghal avukat qabel l-interrogatorju, fil-konsiderazzjonijiet taghha hija sejra tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li xehed l-Ufficjal Prosekutur Ivan Cilia dwar dak li qallu l-imputat waqt l-interrogatorju, u dan konformi mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Mario Borg vs Malta**, deciza ft-12 ta' Jannar 2016.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

*Ir-Reat ta' Misappropazzjoni*

Meta l-kwerelant Dottor Victor Ragonesi xehed f'dawn il-proceduri, hu ftakar li kien sellef il-flus lill-imputat u lil Smolyanova, u li l-imputat obbliga ruhu li jirrifondi l-flus kemm dawk mislufa lilu kif ukoll dawk mislufa lil Smolyanova. Izda Dottor Ragonesi ma setghax jiftakar la l-ammont li kien silifhom u lanqas ir-raguni ghalfejn kien sellifhom il-flus. Il-kwerela li kien ghamel mal-Pulizija ma gietx esebita dak in-nhar li xehed hu, u ghalhekk lanqas ikkonfermaha bil-gurament.

Pero mid-dokumenti esebiti minn Karen Aquilina, is-segretarja ta' Dottor Victor Ragonesi jirrizulta lil l-imputat ircieva l-ammont ta' €5000.00 u li Smolyanova irceviet l-ammont ta' €8,5000 permezz ta' zewg cekkijiet mahruga fid-dati fuq imsemmija, li gew imsarrfa. Aquilina qalet[8] ukoll li fuq ic-chequebook Dottor Ragonesi kien indika l-ammont li kien ta lill-imputat bhala *"loan"*.

Fix-xhieda tieghu, il-kwerelant ikkonferma li kien managing director tal-Imperial Hotel, u li kien qal xi diskors lill-imputat li min kien interessat jixtri il-lukanda, kellu jidhol f'diskussjonijiet mieghu. Pero, l-kwerelant xehed li ma kienx hemm terzi persuni involuti jew imsemmija fix-xiri tal-lukanda li kellhom x'jaqsmu mal-imputat.

Eugenia Smolyanova xehdet li hi kellha bzonn il-flus biex tghaddihom lill-ommha ir-Russja, ghax kienet ma tiflahx serjament. Hija kellmet lil Dottor Ragonesi dwar kif setghet tissellef mill-bank, peress li kienet barranija, u anke tatu certifikat li kien jghid li ommha ma kienitx kapaci tahdem u li hi kienet qieghda tghinha.[9] Dottor Ragonesi offra li jghinha hu minflok, kif fil-fatt ghamel u ta cheque ta' €8,500. Hi xehdet li hu ma riedx li thallsu lura, imma hi dejjem kellha intenzjoni li thallsu. Hi xehedet li dak iz-zmien l-imputat kellu xi diffikultajiet, u biex tghinu spiccat tat kwazi l-flus kollha lilu. L-imputat irrifondihomlha ftit tax-xhur wara, meta kienu bdew dawn il-proceduri. Imbaghad hija ftiehmet ma' Dottor Ragonesi l-mod ta' kif hi kellha thallsu u iffirmat skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu, u kienet qed thallsu regolarment.

---

8 Ara fol. 46 tal-process.
9 Ara fol. 56 tal-process.

Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015, regghet xehdet Mariella Cassar, it-tifla tal-kwerelant, fejn infurmat il-Qorti li missierha kellu wiehed u disghin (91) sena, kien ma jiflahx u peress li l-flus kienu thallsu mill-imputat, il-familjari ta' Dottor Ragonesi xtaqu li l-kawza kontra l-imputat tieqaf hawn.[10] Hija kkjarifikat li missierha kien ta lilha u lil hutha flimkien prokura generali sabiex jamministrawlu l-proprjeta.[11]

L-ahhar xhud tal-Prosekuzzjoni kien missier l-imputat u cioe Felix Grech, li ikkonferma li hu hallas bin-nifs l-ammont li Dottor Ragonesi kien hallas lill- imputat, anke kontra l-parrir tieghu, ghax skond dan ix-xhud dak iz-zmien l-imputat ma kellux xoghol stabbli, biex ikun jista' jirrifondi l-flus li silef. Felix Grech jghid ukoll li ibnu ried il-flus biex jiehdu l-Ingilterra ghal xi testijiet, peress li l-qraba tieghu kienu mietu bil-kancer. Il-Qorti tikkonfessa li x-xhieda ta' Felix Grech hi ftit neboluza ghax filli jghid li kien qed jibza' li kellu kancer, u filli jghid li dak iz-zmien kien qed ibaghti bil-gebla fil-marrara u htieglu jigi operat. Il-Qorti ssib ix-xhieda ta' Felix Grech bhala mhix wahda attendibbli, ghax jekk veru l-imputat ried il-flus biex jiehdu l-Ingilterra ghat-testijiet – anke jekk jidher li kienet *a fishing expedition* – xorta jibqa' l-fatt li l-imputat bil-€5000 li silfu Dottor Ragonesi u bil-kwazi €8500 li silfitu l-partner tieghu Eugenia Smolyonava, xorta qatt ma hadu l-Ingilterra ghat-testijiet. Mhux biss qatt ma hadu l-Ingilterra, izda l-imputat ma hallasx lil Dottor Ragonesi, u kellu jkun Felix Grech stess li hallas lil Dottor Ragonesi, u mix-xhieda tieghu ma jirrizultax li l-imputat qatt irrifonda lil missieru dawn il-flus.

Pero din il-Qorti trid tiddeciedi fuq il-provi li gew migjuba quddiemha u jekk dawn il-provi iwasslux ghas-sejbien ta' htija ghar-reati ta' misapproproazzjoni u truffa jew frodi innominata, hekk kif prospettat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu.

Fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni indebita, l-awtur **Luigi Majno**[12] jghid hekk:
*"2649. Gli elementi per la sussistenza del reato d'appropriazione indebita sono:*
*Che a taluna sia stata affidata o consegnata una cosa altrui per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato –*
*Che egli se la appropri in profitto di se o di un terzo, convertendola in uso proprio –*
*Che cioe abbia fatto con dolo"*[13]

---

[10] Ara fol. 135 tal-process.
[11] Ara fol. 137 tal-process.
[12] Ara **Commento al Codice Penale Parte II**, Verona 1894.
[13] *Op.cit.* fol. 347.

Fic-citazzjoni, l-imputat kien akkuzat biss bl-imputazzjoni taht l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, jigifieri l-artikolu li jirregola l-approprjazzjoni bla jedd minghajr ic-cirkostanzi aggravanti msemmija fl-artikolu 294, u din l-imputazzjoni m'hix prosegwibbli hlief bil-kwerela tal-parti. Pero, fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju, l-Avukat Generali haseb ukoll li fil-kaz odjern l-approprjazzjoni indebita hija wkoll aggravata bl-Artikolu 294, u ghalhekk hija prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio.*

L-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi meta r-reat ta' misappropjazzjoni *"jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Issa fir-rigward is-self li l-kwerelant ta lill-imputat – peress li l-kwerelant sellef il-flus lil Eugenia Smolyonava separatament - mill-provi migjuba, din il-Qorti ma tarax kif qatt jista jinghad li dan is-self ta' flus sar minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 294. Fil-fatt, fix-xhieda tieghu, l-kwerelant lanqas seta' jiftakar ir-raguni ghalfejn ta dan is-self lill-imputat.

Issa huwa vera li fil-kwerela li baghat lill-Pulizija,[14] Dottor Ragonesi allega wkoll li l-imputat kellu jirrifondilu *"Euro850,000.00, which Mr. William Forrester, a U.K. citizen, told him repeatedly to give me for liabilities of the Hotel Imperial, where I am Managing Director."* Fl-ewwel lok, kif diga gie rilevat, din il-kwerela qatt ma giet konfermata bil-gurament minn Dottor Ragonesi. Fit-tieni lok, William Forrester ma ttellax bhala xhud f'dawn il-proceduri. Fit-tielet lok, kif diga inghad, meta Dottor Ragonesi xehed quddiem din il-Qorti, ma semmiex li l-Hotel Imperial kellha xi djun, imma li kienet ghal bejgh, u kull ma seta' jiftakar kien li ma kienx hemm terzi persuni involuti jew imsemmija fix-xiri tal-lukanda li kellhom x'jaqsmu mal-imputat. Huwa veru li mix-xhieda ta' Dottor Rudolf Ragonesi, direttur ukoll tal-Imperial Hotel, jirrizulta li l-imputat kien qed jallega li qed jaghmilha ta' sensar bejn Dottor Victor Ragonesi u William Forrester, u li fis-17 ta' Lulju 2009 baghtlu e-mail fejn qallu li kellu bank draft ta' €850,000 lest ghalih, u talbu biex jiltaqghu flimkien it-tlieta li huma,[15] pero Dottor Victor

[14] Ara fol. 92 tal-process.
[15] Ara fol. 85 tal-process.

Ragonesi kien diga ghamilha cara lill-imputat b'ittra tat-3 ta' Lulju 2009 li hu ma ried jiltaqa' ma hadd, qabel ma l-imputat jirrifondilu s-self kollu li tah.[16] L-imputat kien biss ikun obbligat li jaghtih il-bank draft, kieku n-negozju irnexxa. Ghalhekk, jekk din il-laqgha ma saritx u t-tentativi li jsir konvenju sfumaw fix-xejn, certament ma jahtix l-imputat.

Ghalhekk anke dwar din it-tielet alleggazzjoni, certament l-aggravju ai termini tal-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali ma giex debitament ppruvat.

Dan ifisser li se mai, l-imputat jista' jkun hati biss ta' misapproprazzjoni ai termini tal-Artikolu 293, li kif inghad hija prosegwibbli biss bil-kwerela di parte.

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Debono** deciza fil-25 ta' Gunju 1993, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[17] qalet hekk:
*"Issa f'din l-istanza, l-appellant ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Jannar, 1918 fl-ismijiet **Sua Maesta il Re versus Loreta moglie di Emmanuele Cremona** li fiha jinghat f'kaz ta' approprjazzjoni indebita fejn wara li kienu nbdew il-proceduri, intlahqet transazzjoni bejn il-parti leza u l-imputata "Attesocche tale transazione importerebbe una rinunzia all'istanza avanzata dalla querelante e quindi sorege la quistione se al tempo in cui fuq iniziato un procedimento istruttorio contro l'accusta, l'azione penale non fosse estinta per effetto di remissione della parte lesa, e quindi ancora la quistione se tale estinzione non importa la nullita degli atti di istruzione e conseguentemente anche quella dell'atto di accusa su cui e fondato il presente giudizio." … …*

*Din il-Qorti pero tara illi m'hemmx differenza u m'ghandux ikun hemm differenza dwar jekk it-transazzjoni tkunx saret qabel jew wara l-istituzzjoni tal-proceduri u dana ghaliex daqs kemm hu necessarju illi l-proceduri prezenti setghu biss jigu istitwiti kontra kwerela mill-parti leza, daqshekk iehor huwa veru illi jekk fil-kors tal-proceduri jirrizulta illi ssir transazzjoni, l-istess proceduri ghandhom jieqfu."*

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz, u hija tal-fehma li dak li gara qabel l-ittra tad-19 ta' Novembru 2009 mibghuta minn Felix Grech, missier l-imputat, lil Mariella Cassar bhala

[16] Ara fol. 17 tal-process.
[17] *Per* Imhallef Carmel A. Agius.

amministratur tal-kwerelant, liema skrittura hija esebita fil-process,[18] huwa irrilevanti ghal dan il-kaz peress illi f'dik il-gurnata, il-partijiet ftiehmu kif jirregolaw il-pendenzi ta' bejniethom ghar-rigward il-€5000 mislufa lill-imputat, u s-somma ta' €850,000 bl-ebda mod ma ssemmiet. Rigward is-somma mislufa lill-partner tal-imputat, ghalkemm inizzjalment l-imputat assuma r-responsabbilita li jhallasha wkoll, jirrizulta li bi skrittura privata tas-17 ta' Novembru 2009, il-partner tal-imputat ikkostitwixxiet ruhha kreditrici ta' Dottor Victor Ragonesi, u ftiehmu fuq il-modalita tal-pagament,[19] u b'hekk gie li Dottor Victor Ragonesi irrinunzja wkoll ghad-dritt tieghu li jigi mhallas din is-somma mill-imputat.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, la darba fil-kaz odjern sehhet transazzjoni u effettivament is-somma kollha miftiehma fit-transazzjoni mal-kwerelant giet imhallsa, din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li bl-agir tieghu, il-kwerelant tacitament irrinunzja ghall-kwerela tieghu, u ghalhekk l-proceduri taht l-Artikolu 293 huma estinti.

*Ir-Reati ta' Truffa u/jew Frodi Innominata*

L-imputat jinsab ukoll akkuzat bi truffa u/jew frodi innominta ai termini tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carmen German** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[20] irriteniet hekk:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*
***"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v.***

[18] Ara fol. 42 tal-process.
[19] Ara fol. 58 tal-process.
[20] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

***Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."***

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."* (enfasi ta' dik il-Qorti).

Fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti, lanqas ma jirrizulta bla dubju dettat mir-raguni xi qerq prattikat, sija pure bil-kliem menzonier biss, li wassal ghal telf patrimonjali da parti tal-kwerelant, b'mod li jirrizulta r-reat ta' frodi innominata kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, li jista' talvolta jkun kompriz u involut fir-reat ta' truffa. Dan ghaliex kif diga inghad, Dottor Victor Ragonesi ma ikkonfermax il-kwerela li baghat lill-Pulizija bil-gurament, u waqt li kien qed jixhed quddiem din il-Qorti ma setghax jiftakar ir-raguni ghalfejn ta dan is-self lill-imputat u lill-partner tieghu.

Ghalkemm Felix Grech, missier l-imputat, donnu jimplika li l-imputat talab il-flus lil Victor Ragonesi sabiex ikun jista' jsiefru halli jaghmel testijiet medici l-Ingilterra – kif effettivament qal Dottor Ragonesi fil-kwerela tieghu – pero din ix-xhieda fjakka wahedha certament mhix sufficjenti sabiex jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni ippruvat lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat qarraq bil-kwerelant, anke billi gideb biss dwar il-mard ta' missieru, sabiex jinducih itih il-flus.

Il-kwistjoni jekk Eugenia Smolyonava, il-partner tal-imputat qarrqitx bil-kwerelant meta qaltlu li kellha bzonn il-flus biex tibghathom lil ommha li kienet marida r-Russja, hija irrilevanti ghal finijiet tal-proceduri odjerni, ghax Smolyonava mhix imputata f'dawn il-proceduri. Il-fatt wahdu li wara li l-kwerelant taha l-flus, hi iddecidiet li ttihom lill-imputat biex tghinu ghaliex

kien jinsab f'diffikultajiet, minflok tibghathom lil ommha, mhix prova bizzejjed fil-kamp kriminali li l-imputat kien komplici f'xi qerq.

L-allegazzjoni tal-kwerelant li l-imputat kellu jaghtih €850,000 fuq talba ta' certu William Forrester biex ikopri djun tal-Hotel Imperial, din l-allegazzjoni ma gietx remotament ippruvata, u dan ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq.

Konsegwentement, ir-reat ta' truffa jew frodi innominata ma giex debitament ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Mill-provi prodotti dak li jirrizulta li kien hemm bejn il-partijiet kienet relazzjoni ta' natura strettament civili, illi jekk bhala konsegwenza taghha kien jirrizulta nuqqas ta' adempiment ta' l-obbligazzjoni assunta mill-imputat, dan ma kienx jinkwadra ruhu fil-fattispecje tar-reat ta' qerq, anke wiehed innominat, imma kien u jibqa' semplicement debitu civili li ma thallasx u li jaghti d-dritt ghall-azzjoni civil,i imma mhux ghall-azzjoni kriminali, peress illi dak illi ftiehmu l-partijiet u l-modalita illi konvenew bejniethom ma jistax jigi innewtralizzat bil-fatt biss illi saret kwerela.

La darba din il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati ta' misapproprjazzjoni, jew truffa jew frodi innominata, ikun inutili li din il-Qorti tinoltra ruha fl-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra l-imputat, u cioe li kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u li huwa recidiv, stante li dawn iz-zewg imputazzjonijiet huma konsegwenzjali, u jistghu jigu ikkunsidrati biss kieku instabet htija ghal xi wahda jew izjed mill-imputazzjonijiet l-ohra. Rigward ir-referenza tal-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju tieghu ghall-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tirrileva li l-imputat ma kienx akkuzat u lanqas ingiebu xi ombra ta' provi li kiser xi Ordni ta' Probation.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 ta' Jannar 2010, fil-waqt li issib lill-imputat mhux hati tar-reati

kontemplati fl-istess artikoli, anki ghaliex il-proceduri ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew estinti, qed tilliberah mir-reati kollha addebitati lilu.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**